Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 21 ta' Awwissu 2025**
**(OR. en)**

**12186/25**

**PECHE 231**
**DELACT 107**
**UK 146**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 21 ta' Awwissu 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | C(2025) 4706 final |
| Suġġett: | REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'16.7.2025 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/118 fir-rigward tal-miżuri ta' konservazzjoni fid-Dogger Bank u f'xi żoni tal-Kattegat |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 4706 final.

---

Mehmuż: C(2025) 4706 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.7.2025
C(2025) 4706 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'16.7.2025**

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/118 fir-rigward tal-miżuri ta' konservazzjoni fid-Dogger Bank u f'xi żoni tal-Kattegat**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013[1] jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati dwar miżuri ta' konservazzjoni tas-sajd li huma meħtieġa għall-fini li l-Istati Membri jikkonformaw ma' ċerti obbligi skont il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni. Skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttivi tal-UE dwar in-Natura (id-Direttivi dwar il-Ħabitats[2] u l-Għasafar[3]), l-Istati Membri huma obbligati li jiddeżinjaw, rispettivament, żoni speċjali ta' konservazzjoni u żoni ta' protezzjoni speċjali sabiex jiġu protetti l-ħabitats u l-ispeċijiet ta' interess tal-UE. Dawn iż-żoni jiffurmaw in-network ekoloġiku Ewropew ta' Natura 2000. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa biex jilħqu l-objettivi ta' konservazzjoni tas-siti u jieħdu l-passi xierqa biex jevitaw id-deterjorament tal-ħabitats naturali u d-disturb sinifikanti tal-ispeċijiet li għalihom ġew iddeżinjati s-siti. Tali miżuri għandhom jikkorrispondu mar-rekwiżiti ekoloġiċi tal-ħabitats naturali u tal-ispeċijiet preżenti fis-sit, u jistgħu jinkludu miżuri relatati mas-sajd.

Skont id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD[4], Marine Strategy Framework Directive), l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiksbu jew iżommu status ambjentali tajjeb. Meta l-Istati Membri jqisu li huma meħtieġa ċerti miżuri ta' konservazzjoni tas-sajd sabiex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 13(4) tal-MSFD, skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-Għasafar, jew skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, dawn il-miżuri għandhom jiġu adottati f'konformità mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd (PKS).

Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/118[5] stabbilixxa miżuri ta' konservazzjoni tas-sajd f'ċerti żoni tal-Baħar tat-Tramuntana. Wara r-rakkomandazzjonijiet konġunti ppreżentati, dan ir-regolament delegat jenħtieġ li jiġi emendat biex jintroduċi l-miżuri l-ġodda proposti.

### 2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

**Dogger Bank**

L-Istati Membri tal-Baħar tat-Tramuntana (il-Belġju, il-Ġermanja, id-Danimarka, Franza, in-Netherlands u l-Iżvezja) bdew diskussjonijiet biex jipproponu miżuri ta' konservazzjoni għad-Dogger Bank fl-2008. Il-partijiet ikkonċernati kienu involuti matul is-snin f'konsultazzjonijiet differenti u f'laqgħat *ad hoc*, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE. Mill-2011, il-

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22–61, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj/mlt).

[2] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7–50, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj/mlt).

[3] Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7–25, https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2009/147/oj/mlt).

[4] Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ambjent marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19–40, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2008/56/oj/mlt).

[5] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/118 tal-5 ta' Settembru 2016 li jistabbilixxi l-miżuri ta' konservazzjoni fis-sajd għall-protezzjoni tal-ambjent marittimu fil-Baħar tat-Tramuntana (ĠU L 19, 25.1.2017, p. 10–25, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg_del/2017/118/oj).

Kunsill Konsultattiv tal-Baħar tat-Tramuntana (NSAC, North Sea Advisory Council) ħareġ diversi opinjonijiet u dokumenti ta' pożizzjoni li jiġbru l-pożizzjonijiet differenti tal-Gruppi ta' Interess Oħra (OIG, Other Interest Groups) u tal-industrija tas-sajd, kif ukoll rakkomandazzjonijiet biex jittejjeb il-proċess ta' reġjonalizzazzjoni[6]. Il-Kummissjoni kienet involuta f'ħafna laqgħat tekniċi mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati mill-2008, li sussegwentement ġew inkwadrati fil-kuntest tar-reġjonalizzazzjoni mill-2013 'il quddiem.

Fis-17 ta' Ġunju 2019, l-Istati Membri tal-Baħar tat-Tramuntana, bil-Ġermanja u n-Netherlands bħala Stati Membri inizjaturi, ippreżentaw rakkomandazzjoni konġunta inizjali fir-rigward tal-miżuri ta' konservazzjoni f'partijiet taż-żoni Ġermaniżi u Netherlandiżi tas-siti ta' Natura 2000 tad-Dogger Bank "Doggerbank" DE1003301 u "Doggersbank" NL2008001. L-għan kien li jiġu protetti s-sikek tar-ramel (tip ta' ħabitat H1110) minn irkapti mobbli tal-kuntatt mal-qiegħ. Wara l-valutazzjoni tal-STECF tar-rakkomandazzjoni konġunta inizjali[7], fid-19 ta' Ottubru 2023, l-Istati Membri tal-Baħar tat-Tramuntana ppreżentaw rakkomandazzjoni konġunta aġġornata li fiha l-miżuri ta' ġestjoni u l-miżuri ta' kontroll u ta' infurzar ġew aġġornati parzjalment f'konformità mal-valutazzjoni tal-STECF tar-rakkomandazzjoni konġunta inizjali.

L-STECF ħareġ valutazzjoni pożittiva tar-rakkomandazzjoni konġunta aġġornata matul il-plenarja tiegħu tal-11–15 ta' Marzu 2024[8].

Ir-Rakkomandazzjoni konġunta aġġornata fiha miżuri għall-protezzjoni tas-sikek tar-ramel. Ix-xbieki tat-tkarkir bi travu, ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ bid-diriġenti, il-gangmi u t-tartaruni huma pprojbiti minn xi partijiet fis-siti ta' Natura 2000. L-għan huwa li titnaqqas il-pressjoni fuq il-ħabitat bentiku minn irkapti tas-sajd mobbli b'kuntatt mal-qiegħ għall-fini ta' konformità mal-obbligi skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats.

Ir-rakkomandazzjoni konġunta aġġornata fiha wkoll miżuri speċifiċi ta' kontroll u infurzar li huma meħtieġa biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-miżuri ta' ġestjoni.

**Żoni tal-Kattegat**

Fil-11 ta' Lulju 2024, l-Istati Membri tal-Baħar tat-Tramuntana, bl-Iżvezja bħala l-Istat Membru inizjatur, ippreżentaw lill-Kummissjoni rakkomandazzjoni konġunta rigward il-protezzjoni tad-denfil iswed u tal-għasafar tal-baħar fiż-żoni marittimi protetti ta' Stora Middelgrund och Röde bank (SE0510186), Fladen (SE0510127), Lilla Middelgrund (SE0510126) u Morups bank (SE0510187) fil-Kattegat.

Ir-rakkomandazzjoni konġunta tipproponi li titneħħa l-possibbiltà li jsir sajd bl-għeżula u bil-pariti f'żoni ristretti għas-sajd dment li l-operaturi jingħaqdu ma' programm nazzjonali ta' monitoraġġ b'monitoraġġ elettroniku mill-bogħod (REM, remote electronic monitoring), inklużi kameras abbord. Ir-Regolament Delegat (UE) 2022/952[9] irrikjeda li l-Istati Membri kkonċernati jirrieżaminaw id-data dwar il-qabdiet inċidentali tad-denfil iswed u tal-għasafar tal-baħar sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024. Madankollu, ma sar l-ebda sajd fl-ambitu tal-programm ta' monitoraġġ.

---

6 https://www.nsrac.org/wp-content/uploads/2020/06/09-1920-NSAC-Advice-on-Dogger-Bank-Process.pdf

7 Il-Kummissjoni Ewropea, Ċentru Konġunt tar-Riċerka, Sala, A., Ulrich, C., Review of joint recommendations for Natura 2000 sites at Dogger Bank, Cleaver Bank, Frisian Front and Central Oyster grounds (STECF-19–04), Sala, A. (editur), Ulrich, C. (editur), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2019, https://data.europa.eu/doi/10.2760/422631

8 https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/d/stecf/stecf-plen-24-01_20240405

9 Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/952 tad-9 ta' Frar 2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/118 li jistabbilixxi l-miżuri ta' konservazzjoni fis-sajd għall-protezzjoni tal-ambjent marittimu fil-Baħar tat-Tramuntana. ĠU L 165, 21.6.2022, p. 1–22.

L-STECF ivvaluta dan is-sajd speċifiku għall-għeżula u l-pariti f'żoni ristretti għas-sajd fil-plenarja tiegħu tat-22–26 ta' Marzu 2021 u, għalkemm qajjem dubji[10] dwar l-adegwatezza tiegħu, innota l-possibbiltà li jiġi rieżaminat wara 3 snin ta' applikazzjoni. Din il-miżura kienet parti minn rakkomandazzjoni konġunta usa' ppreżentata fl-2021 li kien fiha diversi miżuri li dwarhom l-STECF ikkonkluda li, b'mod ġenerali, dawn kienu jirrappreżentaw pass pożittiv 'il quddiem lejn il-minimizzazzjoni tal-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd fuq il-ħabitats ikkonċernati.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

### Sommarju tal-azzjoni

L-azzjoni legali ewlenija hija li jiġu adottati l-miżuri li huma meħtieġa biex l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont id-dritt ambjentali tal-Unjoni.

### Bażi legali

L-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

10 https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/d/stecf/stecf-plen-21-01

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'16.7.2025**

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/118 fir-rigward tal-miżuri ta' konservazzjoni fid-Dogger Bank u f'xi żoni tal-Kattegat**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE[11], u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-Istati Membri għandhom is-setgħa li fl-ilmijiet tagħhom jadottaw il-miżuri ta' konservazzjoni tas-sajd li huma meħtieġa biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE ("id-Direttiva dwar il-Ħabitats")[12], skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("id-Direttiva dwar l-Għasafar")[13] u skont l-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina")[14].

(2) L-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats jirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu l-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa għaż-żoni speċjali ta' konservazzjoni li jikkorrispondu għar-rekwiżiti ekoloġiċi tat-tipi ta' ħabitats naturali u l-ispeċijiet protetti fis-siti. Dan jirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jieħdu l-passi x-xierqa biex jevitaw id-deterjorament tal-ħabitats naturali u tal-ħabitats tal-ispeċijiet, kif ukoll id-disturb sinifikanti tal-ispeċijiet li għalihom ikunu ġew iddeżinjati ż-żoni.

(3) L-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-Għasafar jirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu miżuri speċjali ta' konservazzjoni fir-rigward tal-ħabitat tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness I tagħha. Dan jirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jieħdu miżuri ta'

[11] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj/mlt).

[12] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj/mlt).

[13] Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2009/147/oj/mlt).

[14] Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ambjent marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2008/56/oj/mlt).

konservazzjoni simili għall-ispeċijiet migratorji regolari li ma humiex elenkati fl-Anness I tagħha.

(4) F'konformità mal-Artikolu 13(4) tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, l-Istati Membri jeħtieġu jadottaw programmi ta' miżuri biex jiksbu jew iżommu status ambjentali tajjeb, li jinkludu miżuri ta' protezzjoni spazjali li jikkontribwixxu għal networks koerenti u rappreżentattivi ta' żoni marini protetti, u jkopru b'mod adegwat id-diversità tal-ekosistemi kostitwenti, bħal żoni speċjali ta' konservazzjoni skont id-Direttiva 92/43/KEE, bħal żoni ta' protezzjoni speċjali skont id-Direttiva 2009/147/KE, u bħal żoni marittimi protetti kif miftiehma mill-Unjoni jew mill-Istati Membri kkonċernati fil-qafas ta' ftehimiet internazzjonali jew reġjonali li għalihom ikunu partijiet.

(5) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, meta Stat Membru jqis li jeħtieġ li jiġu adottati miżuri għall-konformità mal-obbligi skont il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u Stati Membri oħrajn ikollhom interess ta' ġestjoni dirett fis-sajd li se jiġi affettwat minn tali miżuri, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta tali miżuri permezz ta' atti delegati wara rakkomandazzjoni konġunta ppreżentata mill-Istati Membri.

(6) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/118[15] jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent marittimu f'ċerti żoni marittimi protetti fil-Baħar tat-Tramuntana.

(7) Fid-19 ta' Ottubru 2023, il-Ġermanja u n-Netherlands (l-Istati Membri inizjaturi), flimkien mal-Belġju, id-Danimarka, Franza u l-Iżvezja, ippreżentaw lill-Kummissjoni rakkomandazzjoni konġunta dwar miżuri ta' konservazzjoni fiż-żoni Ġermaniżi u Netherlandiżi tal-Bank Dogger, fis-siti ta' Natura 2000 "Doggerbank" (DE1003301) u "Doggersbank" (NL2008001).

(8) Ir-rakkomandazzjoni konġunta tipproponi miżuri ta' konservazzjoni għall-protezzjoni tas-sikek tar-ramel (tip ta' ħabitat H1110) mill-impatt ta' rkaptu mobbli tal-kuntatt mal-qiegħ billi jiġu pprojbiti xbieki mobbli tat-tkarkir tal-qiegħ u tartaruni f'żoni speċifiċi f'dawn is-siti ta' Natura 2000.

(9) Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF, Scientific, Technical and Economic Committee for Fisheries) ivvaluta r-rakkomandazzjonijiet konġunta fis-sessjoni plenarja tiegħu tal-11–15 ta' Marzu 2024[16].

(10) L-STECF ikkonkluda li l-miżuri ta' konservazzjoni proposti fid-Dogger Bank jistgħu jikkontribwixxu biex jiġi żgurat li l-ħabitats u l-ispeċijiet indirizzati fir-rakkomandazzjoni konġunta jinżammu u jiġu restawrati fi stat ta' konservazzjoni favorevoli, u jirrappreżentaw pass pożittiv 'il quddiem biex: (i) jiġu mminimizzati l-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd fuq ċerti ħabitats u l-komunitajiet bijoloġiċi tagħhom, u (ii) jiġi żgurat li l-attivitajiet tas-sajd jevitaw id-degradazzjoni tal-ambjent marittimu kif stipulat fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

[15] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/118 tal-5 ta' Settembru 2016 li jistabbilixxi l-miżuri ta' konservazzjoni fis-sajd għall-protezzjoni tal-ambjent marittimu fil-Baħar tat-Tramuntana (ĠU L 19, 25.1.2017, p. 10 ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg_del/2017/118/oj).

[16] Il-Kummissjoni Ewropea, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd, 75th plenary report (STECF-PLEN-24-01), Rihank, D.(editur) u Doerner, H.(editur), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea il-Lussemburgu, 2024, https://data.europa.eu/doi/10.2760/82418, JRC137730.

(11) Ir-Rakkomandazzjoni konġunta testendi wkoll il-projbizzjoni għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun kemm fiż-żoni ta' ġestjoni tal-Ġermanja kif ukoll fin-Netherlands. L-STECF saħaq li l-inklużjoni tal-gruppi kollha tal-irkaptu fil-miżuri ta' ġestjoni hija meħtieġa biex jiġu minimizzati l-impatti negattivi tas-sajd u tiġi evitata d-degradazzjoni tal-ambjent marittimu bbażata fuq is-sajd.

(12) Ir-Rakkomandazzjoni konġunta tipproponi wkoll miżuri ta' kontroll u ta' infurzar. L-STECF innota li r-rakkomandazzjoni konġunta kienet qieset ir-rakkomandazzjonijiet preċedenti tal-STECF u kkonkluda li dawn il-miżuri ta' kontroll u ta' infurzar jidhru adegwati u suffiċjenti biex jiżguraw infurzar xieraq tal-miżuri proposti għaż-żoni ta' ġestjoni. Madankollu, uħud mill-miżuri ta' kontroll proposti diġà huma obbligu legali u għalhekk mhumiex inklużi f'dan ir-regolament delegat.

(13) L-istatus ta' konservazzjoni tas-sit għadu vvalutat bħala mhux favorevoli u, skont id-data ppreżentata mill-Istati Membri, l-attivitajiet tas-sajd ħolqu distorsjoni fil-kompożizzjoni tal-ispeċijiet lejn speċijiet iżgħar u b'ħajja qasira.

(14) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-miżuri proposti fir-rakkomandazzjoni konġunta se jikkontribwixxu biex jimminimizzaw l-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-UE tas-siti ta' Natura 2000 tad-Dogger Bank.

(15) L-Artikolu 3(3)(d) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/118 jistabbilixxi deroga mill-projbizzjoni tas-sajd fiż-żoni ristretti għas-sajd ta' Stora Middelgrund och Röde bank (SE0510186), Fladen (SE0510127), Lilla Middelgrund (SE0510126) u Morups bank (SE0510187) fiż-żona ta' Kattegat għall-għeżula u l-pariti, dment li l-bastimenti tas-sajd jieħdu sehem fi programm nazzjonali ta' monitoraġġ u ta' valutazzjoni mwettaq mill-awtoritajiet nazzjonali jew f'isimhom biex tiġi vvalutata il-qabda aċċessorja tad-denfil iswed u tal-għasafar tal-baħar bl-użu ta' monitoraġġ elettroniku mill-bogħod, inkluż l-użu ta' kameras tat-televiżjoni b'ċirkwit magħluq abbord u data dwar il-pożizzjoni. L-Artikolu 3(3)(d) kien jirrikjedi wkoll li l-Iżvezja tirrieżamina d-data dwar il-qabdiet aċċessorji tad-denfil iswed u tal-għasafar tal-baħar kull sena għal valutazzjoni finali sal-31 ta' Diċembru 2024.

(16) Dik id-deroga ġiet stabbilita wara l-valutazzjoni tagħha mill-STECF fil-plenarja tiegħu tat-22–26 ta' Marzu 2021[17]. Għalkemm l-STECF qajjem dubji dwar l-adegwatezza tad-deroga, huwa nnota l-possibbiltà li din tiġi rieżaminata wara 3 snin ta' applikazzjoni. Dik id-deroga kienet parti minn rakkomandazzjoni konġunta usa' ppreżentata fl-2021 li kien fiha diversi miżuri li dwarhom l-STECF kien ikkonkluda li, b'mod ġenerali, kienu jirrappreżentaw pass pożittiv 'il quddiem lejn il-minimizzazzjoni tal-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd fuq il-ħabitats ikkonċernati.

(17) Fil-11 ta' Lulju 2024, l-Istati Membri tal-Baħar tat-Tramuntana, bl-Iżvezja bħala l-Istat Membru inizjatur, ippreżentaw lill-Kummissjoni rakkomandazzjoni konġunta li tipproponi t-tneħħija ta' din id-deroga peress li ma sar l-ebda sajd fl-ambitu tal-programm ta' monitoraġġ, u minħabba li hemm data ġdida li turi l-istatus fqir tal-popolazzjoni tal-Baħar Belt.

(18) Il-Kummissjoni tqis li, għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessa (16) hawn fuq, huwa pertinenti li titneħħa d-deroga għall-għeżula u l-pariti.

(19) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2017/118 jiġi emendat kif xieraq.

[17] Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) – is-66 Rapport Plenarju (PLEN-21-01). EUR 28359 EN, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2021, ISBN 978-92-76-36151-0 (online), doi:10.2760/437609 (online), JRC124902.

(20) Dan ir-Regolament Delegat huwa mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa ta' miżuri ta' konservazzjoni addizzjonali meħtieġa għall-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttivi dwar l-Għasafar u dwar l-Ħabitats u tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina u mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni rigward il-konformità tal-Istati Membri interessati mal-obbligi tagħhom skont il-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-Unjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/118 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Punt 1(a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) fiż-żoni 1(1) sa 1(15), ħlief fiż-żoni ta' twissija rispettivi 1(10.az), 1(11.az), 1(12.az) u 1(13.az), 1(14.az) u 1(15.az), l-irkapti li ġejjin għandhom ikunu pprojbiti: xibka tat-tkarkir tal-qiegħ (TB), xibka tat-tkarkir bi travu (TBB), xibka tat-tkarkir tal-qiegħ bid-diriġenti (OTB), xibka tat-tkarkir bid-diriġenti tewmin (OTT), xibka tat-tkarkir tal-qiegħ bil-paranzi (PTB), xibka tat-tkarkir għall-awwisti (TBN), xibka tat-tkarkir għall-gambli (TBS), tartarun (SX), tartarun Daniż (SDN), tartarun Skoċċiż (SSC), tartarun Skoċċiż bil-paranzi (SPR), tartarun tad-dgħajjes jew tal-bastimenti (SV), ħlief l-attivitajiet tas-sajd bi xbieki tat-tkarkir bi travu u b'kalamenti bir-rombli b'daqs tal-malja bejn 16 u 31 mm (TBB_CRU_16-31) fis-sajd tradizzjonali li jimmira lejn il-gamblu tar-ramel (*Crangon spp.*) fiż-żona 1(10)(b);

(b) Il-punt 1(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"barra minn hekk, fiż-żoni 1(10) sa 1(15), ħlief fiż-żoni ta' twissija rispettivi 1(10.az), 1(11.az), 1(12.az), 1(13.az), 1(14.az) u 1(15.az) għandhom ikunu pprojbiti l-irkapti li ġejjin: gangmu tad-dgħajjes (DRB) u gangmu mekkanizzat li jinkludi gangmu b'pompa tal-ġbid (HMD)";

(c) Jitħassar il-punt 3.(d).

(2) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-bastimenti tas-sajd li jġorru abbord kwalunkwe rkaptu mobbli tal-kuntatt mal-qiegħ li ma jkunux awtorizzati jistadu fiż-żoni 1(1) sa 1(15), inkluż fiż-żoni ta' twissija rispettivi 1(12.az), 1(13.az), 1(14.az) u 1(15.az), u l-bastimenti tas-sajd li jġorru abbord għeżula u għeżula tat-tħabbil li ma humiex awtorizzati jistadu fiż-żoni 4(1) sa 4(4), jistgħu jwettqu tranżitu minn dawk iż-żoni rispettivi dment li dawn l-irkapti jintrabtu u jiġu stivati matul it-tranżitu f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 47 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009."

(b) Il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

3. Il-veloċità matul it-tranżitu għall-bastimenti tas-sajd kollha li ma humiex awtorizzati jistadu fiż-żoni 1(10) sa 1(15), inkluż fiż-żoni ta' twissija rispettivi 1(12.az), 1(13.az), 1(14.az) u 1(15.az), fiż-żona 2(28) u fiż-żoni 4(1) sa 4(3), ma għandhiex tkun inqas minn sitt mili tal-baħar ħlief fil-każ ta' force majeure, f'konformità mal-Artikolu 50(3)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

(3) L-Artikolu 5, il-paragrafu 2, il-punt c huwa sostitwit b'dan li ġej:

(c) iġorru abbord xi rkaptu pprojbit u jkunu qed jivvjaġġaw b'veloċità ta' inqas minn sitt mili tal-baħar fiż-żoni 1(12) sa 1(15) (l-Anness I), inkluż fiż-żoni ta' twissija rispettivi 1(12.az), 1(13.az), 1(14.az) u 1(15.az). Fiż-żoni 1(14), 1(15) u fiż-żoni ta' twissija 1(14.az) u 1(15.az), id-data tal-VMS tista' tiġi trażmessa wkoll permezz tas-Servizz Ġenerali tar-Radjukomunikazzjoni f'Pakketti (GPRS, General Packet Radio Service) jew tas-Sistema Globali għall-Komunikazzjoni Mobbli (GSM, Global System for Mobile Communication).

(4) L-Artikolu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Rieżami

Mit-8 ta' Marzu 2023, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jimmonitorjaw, jivvalutaw u jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti fl-Artikoli 3, 4 u 5, kull 3 snin għall-miżuri fiż-żoni 4(1) u 4(4) (l-Anness VI) skont id-Direttiva dwar l-Għasafar, u kull 6 snin għall-miżuri fiż-żoni 1(10) sa 1(13) (l-Anness I), fiż-żona 2(28) (l-Anness II) u fiż-żoni 4(2) u 4(3) (l-Anness VI) skont id-Direttiva dwar il-Ħabitats u d-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina.

L-Istati Membri għandhom jirrieżaminaw il-miżuri fiż-żoni 1(14) u 1(15) 6 snin wara d-dħul fis-seħħ tagħhom".

(5) L-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 16.7.2025

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
*Ursula VON DER LEYEN*